MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Numru. 1188/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kevin J. Farrugia]**

**vs**

**Stephen Farrugia**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stephen Farrugia detentur tal-karta tal-identita` numru 0409769(M).

Akkuzat talli:

Nhar is-16 ta’ Settembru, 2009 ghall-habta ta’ 12:45 hours, gewwa Triq l-Ghenieqed, H’ Attard u f’dawn il-Gzejjer Maltin ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Anthony Gauci Borda li ghandu numru tal-karta tal-identita’ 0186158(M) kif iccertifikata Dr. Michael Gonzi

M.D. Reg 1616 tal-Isptar Mater Dei ai termini Article 216 of Chapter of Chapter 9.

Rat it-talba min-naha tal-prosekuzzjoni sabiex tippovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta’ Anthony Gauci Borda li ghandu numru tal-identita` 0186158(M), bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kapitlu 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja, u l-ezami tal-imputat Stephen Farrugia li wiegeb mhux hati tal-akkuzi tal-akkuza kif dedotta kontrih.

Rat ix-xhieda kollha kif ukoll l-istqarrija tal-imputat Stephen Farrugia. Mill-assjem tax-xhieda hareg illi l-glieda bdiet originarjament mal-impjegati tal-Go Mobile u Anthony Gauci Borda fejn dan tal-ahhar gie rrankat ghalihom sabiex ma jahdmux mal-faccata. Dan kien effett ta’ incident simili li kien hemm xi jiem qabel bejn l-istess nies.

Illi rrizulta wkoll illi l-imputat inizjalment ma kienx involut fil-glieda izda meta din eskalat, huwa intervjena bl-injama li kellu f’idu bil-konsegwenza illi z-zewg parte civile garrbu griehi gravi hekk kif iccertifikati mit-tobba rispettivi (Dokument AL1 u Dokument AL2).

Mix-xhieda ta’ Anthony Gauci Borda huwa kkonferma li hu u ibnu gew attakkati minn Stephen Farrugia b’bicca injama fejn rah jaqbadha dak il-hin. Huwa qal li huwa stess sar agressiv meta gie jkellem lill-haddiema tal-Go u dawn ma tawx kasu.

Ix-xhud Carmel Cortis spjega kif Gauci Borda, wara li aggredixxa lil tal-Go, mar fuq l-imputat u beda jaghtih b’idejh. Wara ra wkoll lill-imputat ixejjer l-injama izda ma jafx jekk laqat lil xi hadd.
Mix-xhieda tal-istess imputat hareg kif il-glieda bdiet ma’ Anthony Gauci Bordau l-haddiema tal-Go Mobile. Huwa

mbaghad qal li wara li intervjena biex jikkalma s-sitwazzjoni gie Gauci Borda u beda jaghtih. Hu qal hekk:
“ u  jien ghidtlu, isa, isa mur id-dar isa mur. Ghajjat lil missieru, (Anthony) missieru gie ghalija u qabad jaghtini u jiena kellu xi haga f’idu ma kontx naf x’inhu wara sirt naf ghax gabruha l-pulizija, kien arlogg tal-hadid u laqatni go rasi bih. Jiena bdejt nipprova nxejjer l-injama, ghax hu fih darbtejn daqsi jekk mhux izjed u t-tifel tieghu, mhux anqas minnu biex niddefendi ruhi ghax jien ma persuna bhal dik mhux ha nlahhaq insawwat dak ir-ragel.”

Irrizulta ghalhekk illi mill-assjem tal-provi l-glieda originarjament bejn Anthony Gauci Borda u l-haddiem tal-Go Cortis.

Illi l-involviment tal-imputat gie sussegwentament wara li dan intervjena u wara li ghaddew diversi minuti.

Illi ghalhekk l-imputat kellu l-hin kollu minflok jintervjeni, huwa seta’ facilment dahal gewwa u cempel lill-pulizija. L-imputat kien ben konsapevoli li bejn Gauci Borda u hu kien hemm certa animozita` u ghalhekk kellu l-obbligu li minflok jeskala argument, jevitah.

Illi gara li Gauci Borda aggredixxa lill-imputat. Anke f’dan il-mument l-imputat ma kellux ghalfejn ixejjer b’addocc l-injama fl-arja bil-konsegwenza li jolqot il-wicc kif gara, izda seta’ jxejjirha mal-art halli jekk jolqot, kien jolqot is-saqajn.

Illi tenut kont illi l-imputat kien qed jiddefendi lilu nnifsu f’dak il-mument, il-Qorti thoss illi:
a) l-argument bejnu u bejn Gauci Borda seta’ jigi evitat; u
b) l-imputat agixxa b’difesa eccessiva.

Illi ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 216, 230(d), 233(1)(a) tal-Kapitolu 9 qed issib lill-imputat Stephen Farrugia hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tikkundannah ghal tlett (3) xhur prigunerija sospizi ghal tmien (8) xhur u minhabba r-riduzzjoni tal-piena dawn qed jigu mnaqqsin ghal xahar prigunerija sospizi ghal tmien (8) xhur.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------